ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/35
Mistoqsijiet mill-midja: Stampa tal-ECHA

# Verżjoni ġdida ta' REACH-IT qiegħda online

## Il-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT, issa lesta għall-użu, taċċetta biss dossiers maħluqa b'IUCLID 5.4. L-għodod aġġornati li jsostnu lill-industrija fis-sottomissjoni tat-tali dossiers - plug-ins u manwali tal-IUCLID - huma wkoll disponibbli.

**Ħelsinki, 11 ta' Lulju 2012** – Il-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT għandha tintuża biex jiġu sottomessi dossiers ta' reġistrazzjoni u oħrajn lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). L-industrija għandha tkun konxja li minn issa 'l quddiem, l-ECHA tista' taċċetta biss dossiers tal-IUCLID imħejjija b'IUCLID 5.4. Dan japplika għat-tipi kollha ta' dossiers imħejjija b'IUCLID u sottomessi *via* REACH-IT jew permezz ta' formola fuq il-web (eż. Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, Talba għal isem alternattiv ta' sustanza kimika). Id-dossiers li jsiru mingħajr IUCLID, bħal mistoqsijiet online, mhumiex affettwati minn din il-bidla.

Il-manwali għall-ħolqien, l-ivverifikar, u s-sottomissjoni ta' dossiers IUCLID bl-użu ta' REACH-IT jew il-formoli fuq il-web (jiġifieri Manwali għas-Sottomissjoni ta' Dejta u Manwali tal-Utenti tal-Industrija ta' REACH-IT) ġew aġġornati u huma disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Barra minn hekk, plug-ins aġġornati tal-IUCLID huma disponibbli sabiex jgħinu lir-reġistranti jħejju d-dossiers tagħhom b'IUCLID 5.4 (jiġifieri l-plug-ins tar-Regoli tan-Negozju/Kontroll tal-Kompletezza Teknika, Kalkolu tat-Tariffa u tad-Disseminazzjoni). Dawn il-plug-ins huma disponibbli minn fuq il-websajt tal-IUCLID. L-ECHA tħeġġeġ lill-kumpaniji sabiex dejjem jivverifikaw id-dossiers tal-IUCLID tagħhom billi jużaw il-plug-ins rilevanti qabel ma jissottomettuhom lill-ECHA.

L-ECHA sejra tippubblika t-tieni aħbar fil-jiem li ġejjin li tiffoka fuq l-aspetti ta' disseminazzjoni u kunfidenzjalità b'IUCLID 5.4, inklużi pariri fundamentali għall-industrija relatati mal-pubblikazzjoni ta' tagħrif tal-SDS. Il-manwali aġġornati relatati mad-disseminazzjoni ta' tagħrif u talbiet ta' kunfidenzjalità (Manwal ta' Sottomissjoni ta' Dejta 15 u Manwal ta' Sottomissjoni ta' Dejta 16) ser ikunu disponibbli b'mod parallel ma' din it-tieni aħbar.

Il-ħinijiet ta' ftuħ ta' REACH-IT huma minn nhar it-Tnejn mill-10:00 sal-Ġimgħa 21:00 (EET), minbarra fil-vaganzi pubbliċi tal-ECHA.

## Aktar tagħrif

- REACH-IT
  https://reach-it.echa.europa.eu/
- Il-websajt tal-IUCLID
  http://iuclid.eu/

- Aġġornament ta' REACH-IT skedat għall-11 ta' Lulju (Aħbar 28 ta' Ġunju 2012)
  http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/f8f1fe21-0b5c-4888-9f71-db78de454813

- Data Submission Manuals and REACH-IT Industry User Manuals (Manwali ta' Sottomissjoni tad-Dejta u Manwali tal-Utent Industrijali ta' REACH-IT) (*Għall-ewwel, il-manwali aġġornati sejrin ikunu disponibbli fil-verżjoni bl-Ingliż biss*)
  http://echa.europa.eu/mt/support/dossier-submission-tools/reach-it

- Mistoqsijiet u tweġibiet dwar id-disseminazzjoni u l-pretensjonijiet tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà f'IUCLID 5.4 (Aħbar 7 ta' Ġunju 2012)
  http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/5a35fc19-9d8e-4143-8dd7-50dfd42a5745

- Mistoqsijiet Spissi dwar REACH-IT
  http://echa.europa.eu/mt/support/faqs/frequently-asked-questions/frequently-asked-questions-about-reach

- Ħelpdesk tal-ECHA
  http://echa.europa.eu/mt/support/helpdesks/echa-helpdesk